**•FL-EWWEL ta' Jannar ta' din is-sena, il-Parroċċa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Ħamrun, fakkret anniversarju ferm importanti fil-ħajja tagħha u kien għalhekk li f'dawn l-aħħar sitt xhur hija organizzat għadd ta' funzjonijiet u attivitajiet kemm reliġjużi kif ukoll soċjali li laħqu l-qofol tagħhom bil-Konsagrazzjoni tal-Knisja u bil-Festa Titulari. L-anniversarju ta' din il-Parroċċa ma kienx wieħed ta' żmien twil ħafna iżda kien biss.....**



# L-GĦOXRIN ANNIVERSARJU

•GĦOXRIN sena jidhru ftit, iżda meta wieħed jara l-istorja ta' din il-Parroċċa jsib li l-għeruq tagħha jinsabu aktar fil-bogħod u jmorru lura għas-snin għoxrin.

Kienet id-drawwa ta' xi sittin sena ilu, li ħafna mill-familji tagħna, kienu jżommu fid-dar tagħhom xi post, anke rokna, dedikata lill-Madonna jew lil xi qaddis. Il-familja ta' Pawlu Burlò kienet waħda minnhom. L-għaxqa ta' dan Pawlu, meta kien għadu tfajjel, kienet li jżejjen, jarma u jżarma l-artal ta' kappella ċkejkna li kellhom fid-dar tagħhom. Meta Pawlu kiber u żżewweġ lis-Sinjorina Carmena, l-ewwel ħsieb li ġieh f'rasu kien li hu wkoll ikollu kappella żgħira fid-dar tiegħu, fi Triq Vitale, numru 20, il-Ħamrun. Billi din id-dar kienet żgħira, Pawlu għamel il-kappella taħt it-taraġ u ddedikaha lill-Immakulata Kunċizzjoni.



**Il-wasla ta' l-ewwel vara titulari ta' Marija Immakulata**



**Ix-xogħol fuq il-bini tal-Knisja tal-Kunċizzjoni.**

Fix-xahar ta' Mejju ta' l-1920, Pawlu ġietu l-idea li għal dak ix-xahar jistieden lit-tfal ta' l-inħawi ta' daru, biex flimkien mal-familja tiegħu, igħidu r-Rużarju f'din il-kappella ċkejkna li kellu d-dar. It-tfal attendew bi ħġarhom matul ix-xahar kollu u meta x-xahar wasal fi tmiemu, Pawlu xtaq li jferrah lil dawn it-tfal u għamlilhom bħal festin żgħir.

Fis-sena ta' wara t-tfal ma naqsux li jerġgħu jmorru għand Pawlu għar-Rużarju fix-xahar ta' Mejju, anzi magħhom ħadu lil ħbiebhom u xi wħud marru bil-ġenituri wkoll, tant li mhux biss kellhom jintrassu biex joqogħdu f'dak il-post ċkejken, iżda mlew ukoll kmamar oħra fid-dar tiegħu.

Meta Pawlu ra li ċ-ċokon tal-kappella tiegħu ma kienx qed iħalli nies oħra li jiġu u jgħidu r-Rużarju miegħu, huwa fittex post ieħor u rnexxielu jikri terran fl-istess triq biex jużah għal dan l-iskop biss. Billi n-nies baqgħu dejjem jiżdiedu, Pawlu ħaseb li barra r-Rużarju jibda jagħmlilhom ħsieb spiritwali kuljum u għal dan il-għan kien ingħażel il-Kjeriku Karmenu Gatt li kien maħtur bħala Direttur Spiritwali ta' din il-Kappella.

Tant kemm il-Kappella ta' Pawlu Burlò baqgħet iżżid fil-popolarità bħala lok ta' qima, insibu li fl-1 ta' Ġunju 1924, l-Isqof stess kien qaddes f'dan il-post.

Ħdax-il sena wara, Pawlu kera terran, din id-darba fi 12, Triq id-Duluri u hemm reġa' ittrasferixxa l-Oratorju. Irranġa l-post biex fih għamel Kappella mdaqqsa u saqqaf il-bitħa biex għamilha sagristija.

Is-sena 1945 kienet il-Ġublew tal-Fidda ta' dan l-Oratorju. Pawlu Burlò kellu 68 sena u flimkien ma' Kumitat li twaqqaf apposta, għamel

festi kbar li baqgħu jissemmew f'dawk l-inħawi. Saru festi solenni ġewwa l-Kappella u anki festi ta' barra. Fil-festi ta' barra nsibu li ħadu sehem il-baned **SAN GEJTANU** u **SAN ĠUŻEPP** tal-Ħamrun u l-banda San Ġorġ ta' Ħal Qormi.

Pawlu Burlò miet fit-30 ta' Ottubru 1950.

Fit-8 ta' Novembru 1950 inħatar rettur ta' l-Oratorju tal-Kunċizzjoni Dun Edgar Vella Anastasi. Kien hu li ġietu l-idea li jibni knisja u fil-fatt kien daħal għal dan ix-xogħol b'ruħu u b'ġismu. L-inħawi tal-Ħamrun fejn illum hemm il-Parroċċa tal-Kunċizzjoni kienu qegħdin jinbnew b'ritmu mgħaġġel u għalhekk inħasset ferm aktar il-ħtieġa tal-Knisja. Fit-23 ta' Marzu 1958 tqiegħdet uffiċjalment l-ewwel ġebla tal-Knisja mill-Isqof Galea fil-preżenza ta' Mons. Mattew Chircop, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Gejtanu.

Il-Knisja tlestiet fil-bidu ta' Awissu 1963 u fis-16 ta' l-istess xahar ġiet imbierka mill-Isqof Galea. Fid-19 ta' Awissu 1963 l-għadam tal-Qaddisin Kletu u Ġiokonde ġew trasportati mill-Parroċċa San Gejtanu għal din il-Knisja fejn l-għada l-Arċisqof Gonzi kkonsagra l-artal. Bħala rettur ta' din il-knisja, wara l-mewt ta' Dun Edgar, ġie magħżul Dun Ġużepp Mifsud Bonnici.

Meta l-awtoritajiet reliġjużi raw il-ħidma kbira pastorali li kienet qed titwettaq f'din il-knisja, Mons. Arċisqof, fl-1 ta' Lulju 1966, għollieha għall-Viċi Parroċċa u Dun Ġużepp Mifsud Bonnici ġie maħtur l-ewwel Viċi-Parroku. L-għada nżammet l-ewwel Magħmudija bħala Viċi Parroċċa.

Fit-28 ta' Diċembru 1967 inqrat fil-parroċċi kollha ta' Malta l-Pastorali li ħabbret it-twaqqif tal-Parroċċa Immakulata Kunċizzjoni tal-Ħamrun b'seħħ mill-1 ta' Jannar 1968. Fi Frar ta' l-istess sena, Dun Ġużepp Mifsud Bonnici ħa l-pussess bħala l-ewwel Kappillan tal-Parroċċa l-ġdida.

Fis-sena 1968 kien ġie kompost u miktub l-Innu ġdid ta' Marija Immakulata. Il-versi ta' l-Innu inkitbu minn Dun Frans Camilleri, id-Direttur Spiritwali tal-Għaqda Mużikali San Gejtanu u l-mużika nkitbet minn Mro. Joseph Abela Scolaro dak iż-żmien Surmast Direttur tal-Banda San Gejtanu.

Fi Frar 1979, ġie maħtur it-tieni Kappillan ta' din il-Parroċċa. Dun Manwel Agius ħa post Dun Ġużepp Mifsud Bonnici.

Għaddew għoxrin sena mill-jum li fih fil-Ħamrun twieldet it-tieni Parroċċa u fl-okkażjoni ta' dan l-anniversarju, l-Għaqda Mużikali San Gejtanu ssellem lil din il-Parroċċa Ħamruniża għaliex kif jidher minn din il-ħarsa ħafifa lejn l-istorja li tajna, il-kuntatti tagħna mal-Parroċċa Kunċizzjoni, permezz tal-Banda ilhom bosta snin u sa din is-sena stess il-Banda tagħna ħadet sehem għal darb'oħra fil-Festa ta' Marija Immakulata fl-ewwel Ħadd ta' Lulju. Barra minn dan wieħed ma jistax ma jgħidx ukoll li numru kbir ta' Msieħbin fl-Għaqda tagħna huma Parruċċani ta' din il-Parroċċa.

Nawguraw minn qalbna li l-Parroċċa Kunċizzjoni fis-snin li ġejjin tkompli tkun ta' ġid għall-poplu Ħamruniż.